MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2012

Numru 340/2009

**Pulizija**

**v.**

**Reuben D’Amato**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali (Magistrat Dorreen Clarke) tal-1 ta’ Gunju 2009 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Anthony Portelli) v Reuben D’Amato (wara l-kumpilazzjoni numru

340/2009) li biha dik il-Qorti sabet lill-imputat Reuben D’Amato hati tal-imputazzjonijiet kontra tieghu u cioè ta’ serq aggravat bil-mezz u bin-natura tal-haga, hsara volontarja li teccedi 116.47 Euro, u talli kiser il-provvediment tal-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija lilu fit-28 tas’ Lulju, 2008 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

**2.** Rat id-denunzja tal-10 ta’ Novembru 2010 maghmula quddiem il-Qorti Kriminali mill-Ufficjal tal-Probation Marylyn Attard ai termini tal-artikolu 21 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta kif emendat bl-Att VI ta’ 2010 fil-konfront ta’ Reuben D’Amato fl-atti tal-kawza fl-ismijiet premessi (wara l-kumpilazzjoni numru  1261/2007) li biha rrapportat li:

1. bis-sentenza fuq msemmija kienet appuntata Ufficjal tal-Probation ta’ Reuben D’Amato;

2. Reuben D’Amato naqas li jaghti kampjun tal-urina gewwa l-Ufficju tal-Probation u sintomi fizici jaghtu indikiazzjoni li Reuben D’Amato qieghed jaghmel uzu mid-droga u l-imsemmi rrijuta li jaghti kampjun tal-urina;

3. huwa naqas milli joqghod ghad-direttivi moghtija lilu mill-istess Ufficjal tal-Probation sabiex huwa jiehu l-kura mehtiega minhabba l-vizzju tad-droga u ma wera ebda interess illi jaghmel programm residenzjali ghar-riabilitazzjoni tad-droga skont id-direttivi moghtija lilu mill-istess Ufficjal tal-Probation ghal diversi drabi;

4. naqas mir-rispett lejn l-Ufficjal tal-Probation u membru iehor ta’ staff fl-Ufficju tal-Probation billi gholla lehnu u uza kliem dispreggjattiv

u ghaldaqstant hassitha fid-dmir illi tattira l-attenzjoni tal-Qorti Kriminali ghall-fatti imsemmija sabiex il-Qorti tiehu dawk il-mizuri li jidhrilha xierqa u opportuni.

**3.** Rat id-decizjoni tal-Qorti Kriminali tal-14 ta' Dicembru 2010 fuq id-denunzja msemmija li biha rrevokat l-ordni ta' probation u ddiferiet is-smiegh tad-denunzja ghal data ohra sabiex isiru s-sottomissjonijiet mid-difiza u l-prosekuzzjoni dwar il-piena.
**4.** Rat is-sentenza tas-16 ta' Marzu 2011 tal-istess Qorti Kriminali fuq l-istess denunzja msemmija li biha, wara t-trattazzjoni li saret fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2011, kkundannat lill-imsemmi Reuben D'Amato ghall-piena ta' prigunerija ta' tnax-il xahar.

**5.** B'rikors tal-1 ta' April 2011 Reuben D'Amato appella mis-sentenza msemmija tal-Qorti Kriminali tas-16 ta' Marzu 2011 u talab lil din il-Qorti tiddikjara illi l-Qorti Kriminali ma kellhiex gurisdizzjoni li tisma' u taqta' dwar id-denunzja maghmula fl-10 ta' Novembru 2010 kontra tieghu fil-kaz tad-denunzja b'referenza ghall-Ordni ta' Probation maghmul mill-Qorti tal-Magistrati fil-kaz fl-atti tal-kawza kontra Reuben D'Amato fl-atti tal-Kumpilazzjoni 340/2009 u konsegwentement tiddeciedi illi d-decizjonijiet u sentenzi moghtija mill-Qorti Kriminali f'dan il-kaz huma kollha nulli u bla effett u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena; li fin-nuqqas tiddikkjara illi l-Qorti Kriminali ma setghetx issib htija dwar id-denunzja maghmula fl-10 ta' Novembru 2010 kontra tieghu fil-kaz tad-denunzja b'riferenza ghall-Ordni ta' Probation maghmul mill-Qorti tal-Magistrati fil-kaz il-Pulizija vs Reuben D'Amato fl-atti tal-kumpilazzjoni 340/2009 u dan peress li dan il-kaz kien gie deciz fil-kaz tad-denunzja maghmula fl-10 ta' Novembru 2010 fil-kaz il-Pulizija vs Jonathan Joseph Briffa et fl-atti tal-kawza, kumpilazzjoni numru 669/2008 u konsegwentement tiddeciedi illi d-decizjonjiet u sentenzi moghtija mill-Qorti Kriminali f'dan il-kaz huma kollha nulli u bla effett u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena; li fin-nuqqas tiddikjara li s-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fis-16 ta' Marzu 2011 fil-konfront tieghu hi wahda difettuza f'aspett sostanzjali u importanti u ghalhekk hi nulla u bla effett u konsegwentement tilliberah minn kull hitja u piena; li fin-nuqqas, tiddikjarah mhux hati ta' ksur tal-Ordni ta' Probation maghmul mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-10 ta' Novembru 2008 u/jew tal-1 ta' Gunju 2009 maghmul fil-

konfront tieghu u konsegwentement tehilsu minn kull htija u piena; u fin-nuqqas, li tissostitwixxi l-piena ta' tnax (12)-il xahar prigunerija inflitta fuqu bis-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-16 ta' Marzu 2011 b'kull piena u/jew mizura ohra li tkun taghmel aktar ghall-kaz.

**6.** Illi l-aggravji tal-appellant jistghu jigu riassunti kif gej:

1. li l-ewwel Qorti ma kienetx kompetenti biex tisma u tiddeciedi dwar il-kaz;

2. li l-Qorti Kriminali kemm fis-sentenza taghha tal-10 ta' Novembru 2010 u f'dik tas-16 ta' Marzu 2011 ghamlet riferenza ghall-Ordni ta' Probation maghmula fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-28 ta' Lulju 2008 meta fil-fatt huwa kien diga gie misjub hati ta' ksur ta' dan l-Ordni ta' Probation bis-sentenz moghtija fl-istess gurnata u cioe' fl-10 ta' Novembru 2010 fis-sentenza taghha fil-kaz tad-Denunzja maghmula mill-Ufficjal tal-Probation Marylyn Attard fl-10 ta' Novembru 2010 kontra Reuben D'Amato fl-atti tal-kawza, kumpilazzjoni numru 669/2008 (denunzja 17/2010) u oltre dan bis-sentenza tas-16 ta' Marzu 2011, il-Qorti Kriminali regghet ikkundannatu ghall-istess ksur u ghalhekk jissusistu l-elementi kollha ta' *ne bis in idem*.

3. is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fis-16 ta' Marzu 2011 hi wahda nulla u bla effett ghax ma tispecifikax taht liema artikolu jew artikoli tal-ligi penali giet imposta l-piena;

4. huwa ma giex ppruvat hati ta' ksur tal-Ordni ta' Probation impost fuqu bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta' Lulju 2008 skont il-principji fundamentali dwar sejbien ta' htija;

5. il-piena inflitta ta' tnax-il xahar prigunerija hi wahda gravuza ferm.

**7.** L-appell gie eventwalment differit ghat-trattazzjoni ghas-seduta tad-9 ta' Gunju 2011 u dakinhar il-Qorti stiednet lid-difiza sabiex qabel xejn tittratta l-kwistjoni tal-appellabilità o meno tad-decizjoni appellata u di fatti f'dik

is-seduta l-appellant ittratta l-appell tieghu u beda billi ttratta l-kwistjoni tal-appellalbilità tad-decizjoni appellata u ghadda biex umbghad jittratta l-aggravji tieghu tal-appell u fir-rigward taghhom sostanzjalment rrifera ghal dak sottomess minnu fir-rikors tieghu tal-appell.

**8.** Rat l-atti kollha tal-kawza.

**9.** L-appellabilità tad-decizjoni appellata, li hi ta' ordni pubbliku u in kwantu tali sollevabbli anki *ex ufficio* mill-Qorti, hi l-ewwel kwistjoni li trid necessarjament tigi indirizzata l-ewwel peress li jekk jirrizulta li d-decizjoni appellata hi fil-fatt u fid-dritt inappellabbli jkun isegwi li r-rikors tal-appell huwa wiehed irritwali u null u konsegwentement ma jkunx hemm htiega li din il-Qorti tikkonsidra l-aggravji migjuba fih.

**10.** Dwar l-appellabilità tas-sentenza appellata l-appellant issottometta fl-ewwel lok li biex ma jkunx hemm dritt ta' appell minn decizjoni ta' qorti tal-ewwel istanza ghandu jigi specifikat fil-ligi stess li dik id-decizjoni ma hijiex appellabbli u ccita bhala ezempju l-artikolu 35 tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili li fih jinghad espressament li minn digrieti tal-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja ma hemmx appell.

**11.** Il-pozizzjoni legali korretta, izda, hi bl-invers. L-ordinament tal-procedimenti legali jemana biss u esklussivament mil-ligi kif mdawwla bl-interpretazzjoni taghha mill-qrati li ghandhom il-funzjoni li jaghtu t-tifsira awtentika tal-ligijiet tal-pajjiz. Hija wkoll il-ligi li tippreskrivi l-parametri tal-kompetenza ta' kull qorti u ebda qorti ma tista' tohrog 'il barra minn dawk il-parametri ghaliex anki l-qrati huma soggetti ghall-ligi. Ghalhekk, jekk il-ligi ma taghtix dritt ta' appell minn xi decizjoni ta' xi qorti jkun isegwi li dak id-dritt ta' appell ma jkunx jezisti skont il-ligi. Huwa ghal kollox illogiku li jigi sostnut li skont il-ligi jezisti dritt ta' appell meta tali dritt ma hux moghti mil-ligi. Sabiex ikun jista' jigi sostnut dak sottomess mid-difiza irid fl-ewwel lok jigi muri li l-ligi tipprovdi dritt generali ta' appell minn kull decizjoni ta' prim istanza. Id-difiza, izda, f'ebda stadju ma indikat lill-qorti xi dispozizzjoni legali li taghti tali

dritt generali ta’ appell minn kull decizjoni ta’ qorti ta’ kompetenza kriminali. Id-difiza, salv dak li ser jinghad dwar is-sottomissjonijiet ulterjuri taghha dwar il-kwistjoni tal-appellabilita’ tad-decizjoni minnha appellata, naqset ukoll milli tindika xi dispozizzjoni specifika li taghti dritt ta’ appell minn xi decizjoni bhal dik hawnhekk appellata.

**12.** Anqas ir-riferenza ghall-artikolu 35 tal-Kodici ta’ Procedura u Organizzazzjoni Civili ma hu ta’ sostenn ghas-sottomissjoni tad-difiza. Dak l-artikolu ma huwiex intiz biex jeskludi dritt ta’ appell li kien altrimenti jezisti minhabba s-silenzju tal-ligi dwar il-materja izda kien necessarju proprju ghaliex il-Kodici ta’ Procedura u Organizzazzjoni Civili ma hux silenzjuz dwar il-materja. Di fatti diversi dispozizzjonijiet ta’ dak il-Kodici esplicitament jiddefinixxu meta u f’liema cirkostanzi decizjoni ta’ prim istanza hi appellabbli quddiem il-Qorti tal-Appell. Hekk, l-artikolu immedjatament precedenti l-artikolu 35 msemmi, u cioe’ l-artikolu 34, jipprovdi fil-principju dritt generali ta’ appell fejn jinghad li, salv fejn il-Kodici jew xi ligi ohra jipprovdu mod iehor, “mis-sentenzi tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili jista’ jsir appell lill-Qorti ta’ l-Appell” u aktar tard l-artikoli 229 *et. seq.* tal-istess Kodici jelenkaw dettaljatament meta u f’liema stadju jinghata dritt ta’ appell minn digrieti tal-qrati ta’ kompetenza civili waqt li l-artikolu 41(5)(6) u 42 tal-istess Kodici jiddefinixxu b’mod generali l-kompetenza tal-Qorti tal-Appell. Ghalhekk l-artikolu 35 citat mid-difiza certament ma kienx necessarju ghaliex il-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili huwa silenzjuz dwar id-dritt ta’ appell izda kien necessarju proprju ghaliex l-istess Kodici, kif mistenni, ma hux hekk silenzjuz u jirregola esplicitament u bi precizjoni id-dritt ta’ appell u ghalhekk, darba li l-legislatur ried jeskludi f’kull cirkostanza kull dritt ta’ appell minn digrieti tal-Qorti ta’ gurisdizzjoni volontarja kien jehtieglu espressament jipprovdi ghaldaqshekk bl-artikolu 35 msemmi.

**13.** Id-difiza sostniet ukoll li la fil-Kodici Kriminali u anqas f’xi ligi ohra specifika ma hu provdut illi d-decizjoni tal-ewwel istanza hija finali fil-kaz odjern u ghalhekk sostniet li hemm dritt ta’ appell minn kull min jinstab hati

minn qorti tal-ewwel istanza u konsegwentement ghal dik is-sejbien ta' htija jinghata piena.

**14.** Izda din is-sottomissjoni hija wkoll minghajr fondament guridiku. Fejn hemm dritt ta' appell irid necessarjament ikun hemm qorti, tribunal jew awtorità ohra gudikanti li tkun vestita b'kompetenza sabiex tisma' u taqta' dak l-appell.

**15.** Il-qrati ta' kompetenza kriminali huma l-Qorti tal-Magistrati (bhala qorti ta' gudikatura jew bhala qorti istruttorja) u l-Qorti Kriminali. L-unika qorti prevista mill-ligi bhala kompetenti fi stadju ta' appell minn decizjonijiet tal-qrati msemmija hija din il-Qorti. Minn sentenzi tal-Qrati tal-Magistrati bhala qorti ta' gudikatura kriminali hemm appell lil din il-Qorti komposta minn Imhallef wiehed. Izda d-decizjoni appellata ma hix decizjoni ta' Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta' gudikatura kriminali. Din il-Qorti ma nghatat ebda kompetenza mil-ligi li tiddeciedi appelli minn decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati bhala qorti istruttorja. Finalment, minn decizjonijiet tal-Qorti Kriminali hemm appell lil din il-Qorti komposta minn tliet Imhallfin. Il-kompetenza ta' din il-Qorti kif komposta hi arginata mil-ligi bhal ma hi arginata mil-ligi l-kompetenza taghha bhala qorti tal-appell minn decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati. Salv dispozizzjonijiet legali specjali ohra, il-kompetenza ta' din il-Qorti bhala qorti ta' appell u l-formalitajiet u l-modalitajiet ta' appell lil din il-qorti huma definiti bl-artikoli 497 sa 515 tal-Kodici Kriminali. Fin-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti vestita fiha bil-ligi sabiex tisma' u tiddeciedi appell mid-decizjoni tal-ewwel istanza dik id-decizjoni tkun necessarjament u inevitabilment finali.

**16.** Skont l-artikolu 499(1) tal-Kodici Kriminali jista' jsir appell minn sentenza tal-Qorti Kriminali lil din il-Qorti fuq talba ta' l-Avukat Generali jew ta' l-akkuzat "minn kull decizjoni moghtija wara l-qari ta' l-att ta' l-akkuza" u dan "fuq kull wahda mill-eccezzjonijiet imsemmija fl-artikolu 449(1)(*a*), (*b*), (*c*), (*d*), u (*g*) u minn kull decizjoni fuq l-eccezzjoni ta' inammissibbiltà ta' provi". Tista' tappella wkoll lil din il-Qorti skont l-artikolu 500(1) "Persuna misjuba hatja fuq att ta' akkuza…". Ghalhekk il-

kompetenza ta' din il-Qorti sabiex tisma' u tiddeciedi appelli li jsirulha tippostula decizjoni li tkun inghatat wara l-qari ta' att ta' akkuza jew persuna misjuba hatja fuq att ta' akkuza.

**17.** L-appellant, ben edott minn dan ir-rekwizit sabiex tkun radikata l-kompetenza ta' din il-Qorti f'dan l-appell u li fin-nuqqas ta' tali kompentenza d-decizjoni appellata ma tkunx appellabbli quddiem din il-Qorti, jargumenta li d-denunzja li ghamlet il-Probation Officer Marylyn Attard quddiem il-Qorti Kriminali u li in segwitu tieghu nghatat id-decizjoni appellata tista' u ghandha tigi ekwiparata ma' att ta' akkuza u dan ghaliex l-Avukat Generali bl-att ta' akkuza jgib 'l quddiem id-denunzja quddiem il-Qorti Kriminali u jmexxi l-prosekuzzjoni ghax it-talba hi wahda ghal sejbien ta' htija u l-konsegwenza ta' sejbien ta' htija hi l-piena.

**18.** Anki kieku l-analogija li qieghed jipproponi l-appellant kienet wahda li tregi, dak li qieghed jipproponi l-appellant ma hix semplicement li denunzja tigi assimilata ma' att ta' akkuza per analogija izda li b'analogija jinholoq dritt ta' appell li l-ligi ma tipprovdix. Dan ma hux permissibbli ghaliex "mhux lecitu li l-Qorti tikkonferixxi dritt ta' appell meta l-legislatur ma jkunx ta dan id-dritt"[1].

**19.** Izda ghandu jinghad li fi kwalunkwe kaz l-analogija proposta mill-appellant bejn l-att pjuttost semplici u informali konsistenti fid-denunzja u l-att altament formali u kompless ta' att ta' akkuza ma tistax tregi. Il-Kodici Kriminali jirregola b'mod rigoruz u dettaljatament in-natura u l-formalitajiet mehtiega ghal att ta' akkuza li anqas remotament ma jibdew biex japprossimaw in-natura u l-formalitajiet, jew nuqqas taghhom, ta' denunzja. Tant hemm bahar jaqsam bejn id-denunzja tal-Probation Officer u l-att ta' akkuza li l-Qorti ma jidhrilhiex li huwa l-kaz li ghandha toqghod tiddilunga filli telenka l-karatteristici differenti tal-wiehed u l-iehor li whud minnhom gew rilevati fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat Generali tat-23 ta' Gunju 2011.

[1] Ara Qorti tal-Appell Kriminali, Repubblika v Raymond Brincat, 10 ta' Novembru 1989.

**20.** Fil-kors tat-trattazzjoni quddiem din il-Qorti l-abbli difensur tal-appellant ipprova jislet argumenti in sostenn tas-sottomissjonijiet tieghu mid-definizzjoni ta' "appellant" fl-artikolu 497 tal-Kodici Kriminali u mill-artikoli 498(3) (recte 498(4) tal-istess Kodici. izda ebda argument favur l-appellabilità tad-decizjoni appellata ma jista' jinsilet mid-dispozizzjonijiet imsemmja. Dan ghaliex id-definizzjoni ta' "appellant", kif tipprovdi l-istess definizzjoni, tipppostula appell skont it-Titolu V li minnu l-artikolu 497 jifforma parti mentri dan l-appell ma hux skont dak it-Titolu ghaliex, kif inghad, biex appell ikun skont l-istess titolu irid ikun appell minn decizjoni li tkun inghatat wara l-qari ta' att ta' akkuza jew persuna misjuba hatja fuq att ta' akkuza mentri dan ma hux il-kaz hawnhekk. Hekk ukoll ghar-rigward tal-artikolu 498(4) imsemmi li hu applikabbli, kif jipprovdi l-istess subartikolu, "bla hsara tad-disposizzjonijiet" tat-Titolu V li minnu l-istess artikolu jaghmel parti u jippresupponi qabel xejn setgha li tiddeciedi skont l-istess Titolu mentri, kif spjegat, ma jirrizultax li din il-Qorti ghandha s-setgha li tiddeciedi dan l-appell.

**21.** Finalment, l-abbli difensur tal-appellant, ghamel ukoll riferenza u qara s-subartikolu (1) tal-artikolu 12 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap 249) kif ukoll ghamel riferenza, izda ma qarax, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu u ssottometta li skont dak l-artikolu 12 jekk persuna kellha dritt taht xi ligi meta "tinbidel" il-ligi ma jistax ihassarlu dak id-dritt illi kellu, specjalment f'materia penali. L-abbli difensur tal-appellant, izda, jidher li qieghed jaqbad iz-zewg subartikoli tal-artikolu 12 u jabbinahom flimkien f'tentattiv li jibni argument li jsostni t-tezi tieghu. Iz-zewg subartikoli imsemmija, izda, jridu jinzammu distinti minn xulxin ghaliex ghandhom effett distint, jekk ukoll mhux addirittura oppost wiehed tal-iehor. Is-subartikolu (1) jipprevedi s-sitwazzjoni fejn Att mghoddi wara l-bidu fis-sehh tal-Att dwar l-Interpretazzjoni "ihassar xi ligi ohra" u l-paragrafi (a) sa (e) u d-dispozizzjoni finali tal-istess subartikolu japplikaw ghal dik is-sitwazzjoni, u cioè meta ligi thassar xi ligi ohra. Is-subartikolu (2) tal-artikolu 12 imsemmi, minn naha l-ohra, jipprevedi s-sitwazzjoni fejn Att, sew jekk mghoddi qabel jew wara l-bidu fis-sehh tal-

Att dwar l-Interpretazzjoni, "jemenda xi Att iehor". Fil-kaz odjern l-Ordni ta' Probation in kwistjoni u d-denunzja tal-Probation Officer in kwistjoni saru taht l-Att dwar il-Probation, Kap 446 li ghadu fis-sehh sallum u ghalhekk hawnhekk non si tratta ta' ligi li hassret ohra u konsegwentement is-subartikolu (1) tal-artikolu 12 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni ma jaghmilx ghall-kaz ta' llum. Minflok si tratta ta' ligi li emendat ohra ghaliex meta nghatat id-decizjoni appellata il-Kap. 446 gie emendat bl-Att VI tal-2010 li permezz tal-artikolu 8 tieghu issostitwixxa s-subartikolu (1) tal-artikolu 21 tal-Kap 446 bis-subartikolu (1) illum vigenti u li b'applikazzjoni tieghu inaghtat id-decizjoni appellata mill-Qorti Kriminali. Skont is-subartikolu (3) tal-artikolu 12 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, din is-sostituzzjoni tas-subartikolu (1) tal-artikolu 21 tal-Kap 446 taqa' taht it-tifsira ta' "emenda" ghall-finijiet tas-subartikolu (2) tal-artikolu 12 imsemmi u ghalhekk huwa dan is-subartikolu (2) tal-artikolu 12 imsemmi li japplika ghal dan il-kaz u mhux is-subartikolu (1) tal-istess artikolu u skont is-subartikolu (2) tal-artikolu 12 "... id-disposizzjoni hekk emendati kif ukoll kull haga li saret tahthom jew bis-sahha taghhom, ghandhom, kemm-il darba ma jkunx jidher hsieb kuntrarju, jkomplu li jkollhom effett shih, u ghandhom hekk jibqghu jsehhu kif emendati, u suggett ghat-tibdil maghmul, bl-Att li jemenda." Dan ifisser li l-artikolu 21 tal-Kap 446 kif illum vigenti jrid jinghata effett shih kif emendat. U l-effett shih tal-artikolu 21 kif illum vigenti jissarraf f'nuqqas ta' kompetenza f'din il-Qorti li tisma' u tiddeciedi appell minn decizjoni moghtija skont l-istess artikolu u dan ghar-ragunijiet gja spjegati.

**22.** Jista' jizdied illi meta din il-Qorti taghti effett shih lill-artikolu 21 kif illum emendat hija ma hi b'ebda mod taghti xi applikazzjoni retrospettiva lill-istess artikolu ghaliex l-istess artikolu qieghed jigi applikat ghal decizjoni li nghatat in forza tal-istess artikolu u meta l-istess artikolu kien in vigore u mhux ghal xi decizjoni li nghatat qabel kien fis-sehh dak l-artikolu kif emendat.

**23.** Seta gie previst b'xi dispozizzjoni specjali ohra fil-Kodici Kriminali jew f'xi ligi ohra dritt ta' appell quddiem

din il-Qorti minn decizjoni bhal dik appellata jew din il-Qorti setghet giet vestita b'xi dispozizzjoni specjali b'kompetenza li tisma' u tiddeciedi appelli minn decizjoni bhal dik appellata izda dan ma jirrizultax li sar.

**24.** Id-difiza ghamlet ukoll riferenza ghal xi decizjoni jew decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Gurisdizzjoni Inferjuri) fuq appelli li saru lil dik il-Qorti minn decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati li ddecidew kazi ta' ksur ta' kundizzjonijiet ta' ordni ta' probation. Id-decizjonijiet li ghalihom ghamel riferenza l-appellant, izda, ma jaghmlux ghall-odjern ghaliex hawn non si tratta ta' appell minn decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati izda ta' appell minn decizjoni tal-Qorti Kriminali u dak li jrid jigi indagat ma hix il-kompetenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Gurisdizzjoni Inferjuri) izda l-kompetenza ta' din il-Qorti.

**25.** Is-sottomissjonijiet l-ohra tal-appellant jirrigwardaw il-mertu tal-appell tieghu u in vista tal-konkluzjoni raggunta minn din il-Qorti dwar in-nuqqas ta' kompetenza taghha li tisma' u tiddeciedi appelli mid-decizjoni appellata ma hux il-kaz li l-Qorti tindirizza dawk is-sottomissjonijiet l-ohra.

**26.** In konkluzjoni l-Qorti tirrileva li f'mument waqt it-trattazzjoni orali l-abbli difensur tal-appellant kien jidher li qieghed isostni li jekk il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li ma kienx moghti appell mid-decizjoni appellata allura kellha ssir riferenza kostituzzjonali izda fl-istess hin osserva li jekk dan ma jsirx seta' dejjem jaghmel rikors kostituzzjonali. Id-difiza, izda, ma ppersistiex filli titlob li ssir riferenza kostituzzjonali ghax meta l-Qorti gibditlu l-attenzjoni li jekk kien qieghed jinsisti li jaghmel talba ghal riferenza kostituzzjonali allura t-talba tieghu tkun trid tigi verbalizzata huwa ghazel li ma jivverbalizzax it-talba tieghu. Certament talba bhal dik kienet tkun pjuttost anomala meta fl-istess waqt li l-appellant qieghed isostni li ghandu rimedju ordinarju sabiex jindirizza l-ilmenti tieghu fl-istess waqt jitlob li l-ilmenti tieghu jigu ezaminati kostituzzjonalment qabel ma jkun ezawrixxa dak ir-rimedju li jigi ezawrit biss bis-sentenza ta' din il-Qorti meta allura l-funzjoni ta' din il-Qorti tigi functa u ma jkunx hemm lok ghal provvedimenti ulterjuri da parti taghha.

Ghal dawn il-motivi tiddikjara l-appell ta' Reuben D'Amato bhala rritu u null u konsegwentement ma tihux aktar konjizzjoni tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------